BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti Nru. 06/12 tal-laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 23 ta' April 2012 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Mrs Bernardette Pace** |

***AĠENDA -1***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-kwotazzjonijiet u l-offerti pubblici.

- *Offerta Pubblika Nru. 02/12 – Servizz ta' Tindif ta' Toroq*

| Nru. | Kuntrattur | Ammont fis-sena |
|---|---|---|
| 1 | Ozosystem Ltd. | €32048 |
| 2 | Ronald & Christopher Bezzina | €25000 |
| 3 | Al Said Al Kasem Ediweie Said | €24129 |
| 4 | George Pace | €52888 |
| 5 | Saviour Mifsud | €32000 |

Il-bord li evalwa din l-offerta magħmul mis-Sindku, C.Cachia, C.Muscat flimkien mal-Perit C.Cacopardo ressqu l-proposta tagħhom lill-Kamra wara li l-kuntratturi 2 u 3 intalbu *interview*

u pjan ta' ħidma *(workplan).* Wara dawn l-*interviews*, fejn il-bord staqsa dwar il-ħaddiema tal-kuntrattur u l-pjan ta' ħidma, il-bord iddeċieda li jipproponi lill-Kamra lill-Kuntrattur Nru. 2 minħabba li kuntrattur Nru. 2 offra ħaddiem aktar minn kuntrattur Nru. 3 sabiex jitwettaq il-pjan ta' ħidma mitlub fis-sejħa. Ukoll kuntrattur Nru. 3 minħabba li hu ta' nazzjonalita' barranija hemm problema ta' komunikazzjoni u din tista' ssarraf fi problemi kbar 'il quddiem. Il-Kamra, wara diskussjoni, unanimament qablet mal-proposta tal-bord.

- *Kwotazzjoni Nru. 03/12 – Provista ta' Photocopier*

| Nru. | Kuntrattur | Option A B&W | Option B Colour | Remarks |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Image Systems Ltd. | €1711 / €1888 | €2419 / €2596 | Xerox<br>Also Leasing Option |
| 2 | Avantech | €1750 | €2183 | Canon<br>Also Leasing Option |
| 3 | Strand Electronics | €1799.50 | €2832 | Kyocera |
| 4 | SG Solutions | €1779 | €2365 | Ricoh |
| 5 | Alfa | €1580 | €3250 | Sharp |
| 6 | Office Group Ltd. | €1279.04 | €3651.43 | Konica |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 2, Avantech, *colour leasing option,* minħabba li kien l-orħos wieħed.

- *Kwotazzjoni Nru. 05/12 – Servizz ta' Tindif f'Birżebbuġa*

| Nru. | Kuntrattur | Pjanta A | Pjanta B |
|---|---|---|---|
| 1 | Saviour Mifsud | €100 | €75 |
| 2 | Ozosystem Ltd. | €157.50 | €80 |
| 3 | Ronald & Christopher Bezzina | €120 | €80 |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 1, Saviour Mifsud peress li kien l-orħos wieħed.

***<u>AĠENDA -2</u>***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra l-*Audited Financial Statements* għas-sena 2011 flimkien mal-*adjustments* tal-awditur tal-Gvern. Wara spjegazzjoni tal-*adjustments* mis-Segretarju Eżekuttiv il-Kamra approvat il-*Financial Statements*.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta għalqet fis-6.00pm.

.

.

........................................ ..............................................

**Joseph Farrugia** **Maria Galea**

**Sindku** **Segretarju Eżk.**